<<<

### Mark Attard u Simon Zammit

F'kull esperjenza missjunarja wieħed jista' joffri l-imħabba tiegħu lill-oħrajn. Hekk kienet l-esperjenza tagħna ġewwa l-parroċċa ta' Dun Anton Grech fil-Gwatemala. Żorna diversi villaġġi remoti fejn iltqajna ma' uċuħ mimlija ferħ ta' tfal ċkejknin f'sitwazzjonijiet ferm diffiċli! Xi ħaġa li laqtitna kienet l-imħabba u r-reverenza ta' dawn in-nies lejn l-Ewkaristija anke f'villaġġi neqsin minn dak kollu essenzjali! Tassew li meta tagħti tirċievi ħafna aktar!





### Jamie Buttigieg

Is-sitwazzjoni tan-nies li jgħixu fit-triq f'Manila, il-Filippini, għenuni nimmaġina viżwalment it-twelid ta' Ġesù, bin Alla, f'dik is-sempliċità. In-nies il-foqra ppjanaw li ladarba jkunu joqogħodu fil-belt kapitali, isibu xogħol tajjeb u jgħixu aħjar. Alla, li jista' kollox, ippjana li t-twelid ta' Ibnu jseħħ fil-faqar.



### Marlon Victor Bajada

Bzhetë huwa villaġġ fil-muntanji tal-Albanija fejn l-għajxien tan-nies jiddependi mix-xogħol fl-irziezet. F'dan il-villaġġ għext il-misteru tal-inkarnazzjoni fil-laqgħa mat-tfal, mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li għalihom il-parroċċa tipprova toffri spazju sigur fejn jistgħu jgħaddu mument ta' rikreazzjoni flimkien, xi ħaġa tassew diffiċli għaliex l-eżiġenzi tal-familji jitolbu li anke t-tfal imorru jaħdmu.



## [FTIT TIPS]
## GĦAL MIN IMUR MISSJONI TWILA JEW QASIRA

Sew jekk tmur għal żmien twil u sew jekk għal żmien qasir tajjeb iżżomm f'moħħok li inti ser tmur biex tgħin u biex tagħmel mixja man-nies tal-post, taqsam ftit ħin magħhom, taqdi u takkumpanja... mhux biex issolvilhom il-problemi tagħhom (l-ewwel solvi tiegħek!), jew li qisu waslilhom is-salvatur! Jalla tkun esperjenza mal-fqar għax dawk jgħallmuk mimli università!

Tgħaġġilx biex tifforma ideat. L-aħjar ikun li l-ewwel sitt xhur ma tiftaħx ħalqek. U t-tieni sitt xhur... żomm ħalqek magħluq! Tinsiex li int mort għandhom u aħna la aħna aħjar minnhom u lanqas agħar (wisq anqas superjuri għalihom). Sempliċiment aħna u huma differenti, għandhom il-kultura tagħhom, valuri, stil, kriterji tagħhom u aħna tagħna. Kont int li mort għandhom, konna aħna li dħalna fid-dinja tagħhom.

Int mort biex titgħallem. Hemm bżonn tkun umli. Hemm bżonn tinsa u tħalli warajk artek u l-kultura tiegħek. Insa dak li (għalik) hu normali. Kun żgur li huma għandhom "normali", valuri u kriterji differenti minn tagħna. Meta tasal f'art oħra, dak kollu li taf u l-istorja tiegħek; saħansitra dak li int ma jiswa għal xejn. Jiswa biss kemm għandek ħila tosserva u tapprezza dak li tara, kemm għandek ħila tisma'. Kemm tiflaħ tassimila dak li hu ġdid u li għalik (imma mhux għalihom) tħossu stramb. Fuq kollox kemm għandek ħila tkun magħhom b'mod sempliċi ħafna. Saqsi lilek innifsek x'inhu dak li jħobbu, dak li jħossu, dak li jġegħelhom ibatu, kif jiċċelebraw.

Jieħdu gost jarawk iżżellaq xi kelma 'l hawn u 'l hinn bil-lingwa tagħhom; li inti tieħu gost tqatta' l-ħin (u "titlef il-ħin") magħhom; li meta tiżbalja ma taqgħax id-dinja; li inti stess tidħak bil-praspar li tagħmel jew li jiġrulek... u xi praspar żgur li ser issib. Jekk ma titkessaħx ser jifhmuk u ser jagħdruk wisq aktar milli taħseb.

Li tidħol fid-dinja tal-fqar, tal-morda, tal-imwarrbin, tar-refuġjati, jieħu ħafna żmien u jeħtieġ ħafna sabar, tunnellata mogħdrija. Jeħtieġ li tkun bniedem li jaf iħoss dak li huma jħossu, li tgħaraf tkejjel u tqis bil-ħniena, li tkun bniedem ta' tama ġenwina. Tisma'!

Kollox ma' kollox esperjenza serja f'artijiet fqar jistgħu jgħallmuna naħsbu, jistgħu wkoll ibiddluna, jgħinuna nikbru. Li hu żgur hu li meta nħarsu lura nintebħu kemm għamlulna ġid.

*Fr Tony Calleja* SJ
Direttur spiritwali

# sem&u

**Diċembru 2024**
**Ħarġa nru 28**

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479 rector.seminary@churchingozo.mt

# Ftaqar biex ikun qribek!

Qatt ħsibt li l-ġrajja tal-Milied, li aħna niċċelebraw tant bil-kbir, hi ġrajja tan-nies foqra u ġrat fil-faqar? Qatt ħsibt li l-misteru tal-inkarnazzjoni hu l-misteru ta' kif Ġesù, l-Iben ta' Alla, sar fqir għalija u għalik? San Pawl jgħidilna: "Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu" (2 Kor 8:9). Iva, Ġesù, li hu Alla, ftaqar biex isir bniedem bħalna, biex jidħol fir-realtà tagħna. Ġesù jaf x'jiġifieri tkun tarbija dependenti fuq il-ġenituri tagħha għall-bżonnijiet bażiċi, jaf x'jiġifieri tkun persuna marida, jaf x'jiġifieri tkun persuna fqira, jaf x'jiġifieri tbati mill-inġustizzji, jaf x'jiġifieri tkun ippersegwitat, jaf x'jiġifieri il-mewt. Jaf għax daħal fir-realtà tagħna biex jgħix magħna, u fuq l-eżempju tiegħu kull Nisrani huwa msejjaħ biex jidħol fir-realtà tal-proxxmu tiegħu, b'mod speċjali ta' dawk li huma l-aktar fil-bżonn, u jwassal l-istess imħabba ta' Alla lilhom u fihom jiltaqa' ma' Alla nnifsu. Dan hu dak li għamlu s-seminaristi fid-diversi esperjenzi li kellhom matul is-sajf li għadda.

### Jeremy Scicluna



F'Awwissu li għadda għamilt esperjenza volontarja ta' ġimgħatejn ġewwa Lourdes. Ix-xogħol tiegħi kien ta' għajnuna fis-Santwarju fejn kont qrib diversi pellegrini li marru f'riġlejn il-Madonna. Dan kien jirrifletti profondament l-inkarnazzjoni ta' Ġesù Kristu fid-dinja għas-salvazzjoni tal-umanità, li "ġie biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."

### John Xerri

F'belt kbira bħalma hi Londra hemm diversi nies bi problemi ta' alkoħol, droga jew problemi oħrajn mentali li jispiċċaw bla saqaf fuq rashom. F'dawn l-iktar nies imwarrba tas-soċjetà wkoll kien hemm Ġesù u għalkemm kultant diffiċli tarah, ippruvajt inżomm f'moħħi l-kliem ta' Santa Tereża ta' Kalkutta: li kull ħaġa li nagħmel, żgħira kemm hi żgħira, nagħmilha bi mħabba kbira.



### Anthony Joe Borg u Fabio Cini



L-esperjenza li għexna mal-Patrijiet Missjunarji tal-Karità ġewwa Kalkutta fl-Indja kompliet tgħinna nifhmu aktar il-misteru tal-inkarnazzjoni. Tgħallimna li l-istess intensità ta' mħabba fix-xogħol mal-foqra għandu jingħex ukoll fil-mumenti tat-talb. Dan għaliex kull għotja ta' mħabba lill-foqra, li fihom hemm il-preżenza ta' Ġesù, hija għotja lil Alla nnifsu. Għalhekk, bl-istess imħabba li nħobbu lill-Ewkaristija rridu nħobbu wkoll lill-fqir, għax fit-tnejn hemm Ġesù.

### Samuel Aquilina

F'Napli hemm ħafna sitwazzjonijiet ta' faqar, familji mfarrka u emigranti li qed ibatu. L-esperjenza li għamilt laqqgħetni ma' tfal minn dawn il-kuntesti diffiċli. Fuq l-eżempju tas-Sorijiet tal-Karità li ħdimt magħhom, ippruvajt nara f'dawn iċ-ċkejknin lill-Mulej Ġesù li jgħidilna: kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont barrani u lqajtuni.



>>>

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru, il-komunità tas-Seminarju tat bidu għal sena oħra ta' formazzjoni permezz tal-irtir tal-bidu tas-sena. Għal darb'oħra dan sar ġewwa s-Seminarju Maġġuri tal-Arċisqof, tal-Virtù, Malta. L-irtir kien immexxi minn Dun James Saydon, Direttur tal-Vokazzjonijiet għall-Arċidjoċesi ta' Malta.



Nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru, sar il-ftuħ uffiċjali tas-sena formattiva 2024-2025 permezz ta' laqgħa għall-istaff akkademiku, segwita minn quddiesa mmexxija mill-Isqof Anton Teuma, li għaliha kienu preżenti wkoll il-familjari tas-seminaristi.

Nhar it-Tnejn 7 ta' Ottubru ilqajna fis-Seminarju lil Andrea Cauchi mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar li ta bidu għas-sena propedewtika.

Nhar il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru s-seminaristi Anthony Joe Borg u Fabio Cini ġew ammessi għall-ordni sagri waqt il-pontifikal immexxi mill-Isqof Anton Teuma fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-Katidral ta' Għawdex. L-ammissjoni hija rit qasir fejn l-isqof jaċċetta formalment it-talba tal-kandidat biex fil-futur qarib jiġi ordnat djaknu u eventwalment saċerdot.



Bejn nhar it-Tnejn 14 u nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru ġiet iċċelebrata l-Ġimgħa Missjunarja ġewwa s-Seminarju, fl-okkażjoni ta' Jum il-Missjoni, li ħabat nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru. It-tema kienet ispirata mill-messaġġ tal-Papa Franġisku għal dan il-jum, li kien iffukat fuq il-parabbola tal-ikla tat-tieġ (Mt 22:1-14). Is-seminaristi ltaqgħu mal-istudenti tal-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, fejn wasslulhom messaġġ missjunarju. Matul din il-ġimgħa s-seminaristi segwew film li ħareġ riċentament dwar qaddisa missjunarja, Santa Francesca Cabrini. It-talb u l-intenzjonijiet tal-komunità tas-Seminarju matul din il-ġimgħa kienu speċifikament għall-missjunarji Għawdxin u l-komunitajiet li huma qegħdin jaqdu. Saret video call ma' Br. Karm Duca MC, mill-Kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Karità u li qed jaqdi l-missjoni tiegħu f'Los Angeles, li matulha qasam l-esperjenza missjunarja tiegħu b'mod partikolari mal-ħabsin u dawk bla dar.

Nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru bħala komunità tas-Seminarju, fuq stedina ta' Mons. Joseph Zammit, żorna l-*premises* ġdid tat-Tribunal Ġudizzjarju tad-Djoċesi ta' Għawdex.

Nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru, inġbarna flimkien f'ċelebrazzjoni ta' ferħ u radd il-ħajr lil Alla għall-mitt sena ta' preżenza tas-Sorijiet Franġiskani fis-Seminarju tagħna. Għal din l-okkażjoni kellna fostna lill-Isqof Anton Teuma li ppresieda l-quddiesa, diversi saċerdoti li mal-medda tas-snin taw is-servizz tagħhom fis-seminarju, il-Madre Provinċjala Sr Claudia Zammit u numru sabiħ ta' sorijiet.



Bejn is-Sibt u l-Ħadd, 26 u 27 ta' Ottubru l-komunità tas-Seminarju għexet *Human Formation Weekend* bit-tema *Sensitivity Training*. Dan tmexxa minn Fr John Vella u sar fid-dar tas-sorijiet Sależjani fil-Qbajjar.

Nhar it-Tnejn 4 ta' Novembru, festa ta' San Karlu Borromeo, is-Seminarju fakkar il-158 anniversarju mill-ftuħ tiegħu. Dan kien ġie mfakkar xi ġranet qabel, nhar il-Ħamis 31 t' Ottubru permezz ta' quddiesa mill-Isqof Anton Teuma fis-Seminarju Minuri flimkien mal-istudenti ta' din l-iskola.

Nhar is-Sibt 9 ta' Novembru saret ukoll l-ikla ta' San Martin ġewwa s-Seminarju bħalma jsir kull sena, b'attendenza sabiħa ħafna.

Il-Ħamis 21 ta' Novembru sar il-*lungo passeggio* annwali mill-Qbajjar sad-Dwejra li matulu stajna napprezzaw il-kampanja Għawdxija. Din il-mixja spiċċat biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fiċ-Ċimiterju ta' San Lawrenz.



Nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru is-seminarista Samuel Aquilina mexxa każ morali marbut mal-kunsiderazzjonijiet etiċi rigward użu ta' metodi ta' fertilizzazzjoni *in vitro*.

Bejn l-Erbgħa 27 u s-Sibt 30 ta' Novembru ġie organizzat live-in vokazzjonali għall-istudenti tas-6th Form fis-Seminarju. Dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jduqu l-programm tas-Seminarju u jaraw mill-qrib x'tikkonsisti l-ħajja ta' seminarista flimkien ma' diversi attivitajiet oħra.

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru l-komunità tas-Seminarju organizzat *outreach* fis-Sixth Form fejn is-seminaristi żaru l-klassijiet u tkellmu mal-istudenti u wara qattgħu xi ħin fl-iskola fejn setgħu jitkellmu mal-istudenti.



Bi preparazzjoni għall-bidu tal-mixja tal-Avvent, il-komunità tas-Seminarju ċċelebrat it-Tħabbira tal-Avvent nhar is-Sibt 30 ta' Novembru. Waqt din iċ-ċelebrazzjoni ġiet imbierka wkoll x-xbieha, xogħol ta' Paul Falzon, ispirata mis-silta "Biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom jippritkaw." (Mk 3:14)

Nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru is-seminaristi Samuel Aquilina u Marlon Victor Bajada ġew mogħtija l-Ministeru tal-Akkolitat mill-Isqof Anton Teuma ġewwa l-Bażilika ta' San Ġorġ, fil-Belt Victoria.



Nhar il-Ħamis 12 ta' Diċembru saret attività b'rabta ma' żmien il-Milied għall-abbatini u l-gruppi tal-vokazzjonijiet ġewwa s-Seminarju.

Matul il-jiem tan-novena, is-seminaristi qasmu ħsieb marbut mal-Ewkaristija b'rabta mal-personaġġi tal-Grotta ta' Betlehem waqt il-quddiesa ta' filgħodu, bi tħejjija għall-festa tal-Milied. Nhar l-Erbgħa 18 ta' Diċembru kellna l-pranzu tal-Milied bħala komunità u mbagħad komplejna naqsmu l-ferħ tal-Milied flimkien nhar il-Ħamis 19 ta' Diċembru fejn il-komunità tas-Seminarju qasmu l-awguri tal-Milied u taw ir-rigali lil xulxin.

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru r-rettur Dun Joseph Bajada mexxa quddiesa flimkien mal-komunità tas-Seminarju u li għaliha kienu mistednin ukoll il-familjari tas-seminaristi. Wara l-quddiesa s-seminaristi taw bidu għall-vaganzi tal-Milied.

Jekk tixtieq tgħin lis-Seminarju jkompli bil- ħidma tal-missjoni tiegħu tista' jew tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot inkella permezz ta' bank transfer:

**APS Account Number: 2000162755-8**
**IBAN Number: MT27APSB77035008161820001627558**

**GRAZZI TAL-ĠENEROŻITÀ TIEGĦEK!**

**IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU**
tawgura
*il-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha tagħha.